

Brussell, 6 ta' Ġunju 2019  
(OR. en)

9905/19

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2019/0126(NLE)**

---

---

**AVIATION 119  
RELEX 580  
USA 40**

## **PROPOSTA**

|                   |   |
|-------------------|---|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur   |
| data meta waslet: | 5 ta' Ġunju 2019  |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea   |
| Nru dok. Cion:    | COM(2019) 254 final   |
| Suġġett:          | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 254 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 254 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.6.2019  
COM(2019) 254 final

2019/0126 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar ir-Rispett għal-  
Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-  
Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-  
Norveġja**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja ("il-Ftehim dwar il-Kiri bl-Ekwipaġġ") ġie nnegożjat mill-Kummissjoni, kif awtorizzat mill-Kunsill fil-21 ta' Diċembru 2016.

Dan jissejjes fuq il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru ("ATA") bejn l-UE u l-Istati Uniti, li ġie ffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007<sup>1</sup>, u jikkonferma l-istabbiliment ta' arranġamenti ċari u mhux restrittivi għall-kiri bl-ekwipaġġ<sup>2</sup> li jinvolvu l-linji tal-ajru tal-Partijiet, u b'hekk jipprovdi iktar preċiżjoni għad-dispożizzjonijiet rispettivi tal-ATA.

Il-Ftehim dwar il-Kiri bl-Ekwipaġġ mhux biss isolvi t-tilwima attwali dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ATA, talli jipprovdi wkoll ċarezza u ċertezza legali għal arranġamenti futuri li se jaffettwaw lit-trasportaturi bl-ajru tal-UE, tal-Iżlanda, tan-Norveġja u tal-Istati Uniti.

- **Kuntest ġenerali**

L-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti jipprevedi reġim miftuħ ta' kiri bl-ekwipaġġ bejn il-partijiet. Id-direttivi tan-negożjar stabbilew l-objettiv ġenerali li jiġi nnegożjat Ftehim dwar il-Kiri bl-Ekwipaġġ bl-għan li tiġi pprovduta l-preċiżjoni għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ATA u li jitneħħew il-limitazzjonijiet ta' żmien għall-arranġamenti ta' kiri bl-ekwipaġġ li jaffettwaw lit-trasportaturi bl-ajru tal-UE, tal-Iżlanda, tan-Norveġja u tal-Istati Uniti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti huwa l-iżjed ftehim importanti fid-dinja dwar it-trasport bl-ajru, u jipprovdi iktar minn 75 miljun post fis-sena għall-passiġġieri tat-trasport bl-ajru; għaldaqstant huwa l-ġebla tax-xewka tal-politika esterna tal-UE dwar l-avjazzjoni. Il-Ftehim dwar il-Kiri bl-Ekwipaġġ se jsolvi inċertezza li ilha teżisti rigward l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ATA dwar il-kiri bl-ekwipaġġ, u b'hekk se jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tar-relazzjoni trans-Atlantika fl-avjazzjoni.

Il-Ftehim dwar il-Kiri bl-Ekwipaġġ huwa konformi mar-regoli ġenerali tal-UE dwar il-kiri bl-ekwipaġġ: l-Artikolu 13(3)b tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jipprevedi t-tneħħija tar-restrizzjonijiet ta' żmien permezz ta' ftehim internazzjonali dwar il-kiri bl-ekwipaġġ iffirmit mill-Unjoni, ibbażat fuq Ftehim tal-UE dwar it-Trasport bl-Ajru ffirmat qabel l-1 ta' Jannar 2008.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-Ftehim dwar il-Kiri bl-Ekwipaġġ huwa konformi mar-regoli ġenerali tal-UE dwar il-kiri bl-ekwipaġġ: l-Artikolu 13(3)b tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jipprevedi t-tneħħija tar-restrizzjonijiet ta' żmien permezz ta' ftehim internazzjonali dwar il-kiri bl-ekwipaġġ iffirmit

---

<sup>1</sup> ĠU L 134, 25.5.2007, p. 4.

<sup>2</sup> Il-kiri bl-ekwipaġġ huwa arranġament għall-kiri li permezz tiegħu linja tal-ajru waħda (il-lokatur) topera t-titjiriet u tipprovdi l-inġenju tal-ajru u l-ekwipaġġ lil linja tal-ajru oħra (il-kerrej).

mill-Unjoni, ibbażat fuq Ftehim tal-UE dwar it-Trasport bl-Ajru ffirmat qabel l-1 ta' Jannar 2008.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli – Il-Ftehim dwar il-Kiri bl-Ekwipaġġ huwa kompetenza esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

- **Proporzjonalità**

Il-Ftehim dwar il-Kiri bl-Ekwipaġġ huwa limitat għall-indirizzar tal-kwistjoni kkonċernata u ma jindirizzax kwistjonijiet oħra. Billi jiffoka esklużivament fuq ir-restrizzjonijiet ta' żmien li attwalment jaffettwaw l-arranġamenti tal-kiri bl-ekwipaġġ fis-suq trans-Atlantiku, se jiċċara iktar id-dispożizzjonijiet dwar il-kiri bl-ekwipaġġ fl-ATA.

Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkomplu jwettqu l-kompiti amministrattivi tradizzjonali li jwettqu fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-arranġamenti għall-kiri bl-ekwipaġġ.

- **Għażla tal-istrument**

Ftehim internazzjonali huwa l-uniku mod kif jista' jinkiseb l-oġettiv maħsub.

## **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'konformità mal-Artikolu 218(4) tat-TFUE, il-Kummissjoni wettqet in-negożjati f'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali. Il-partijiet ikkonċernati tal-katina tal-valur s'hiha tal-avjazzjoni u s-sħab soċjali, inkluż b'mod partikolari t-trejdjunjins, ġew ikkonsultati wkoll matul in-negożjati. Il-kummenti li saru f'dan il-proċess ġew ikkunsidrati.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Sommarju tal-ftehim propost**

Il-Ftehim jikkonsisti mill-korp ewlieni u minn Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-awtentikazzjoni ta' verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja ġie ffirmat fi [data], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard;
- (2) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

B'dan, il-konklużjoni tal-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja, hija approvata f'isem l-Unjoni.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, bl-iskambju ta' noti diplomatiċi previst fl-Artikolu 7(1) tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehim.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*